MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 141/15LM

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1787/14:-

**More Supermarkets (Hamrun) Limited (C 57252)**
**More Supermarkets (Mosta) Limited**
**More Supermarkets (Fgura) Limited**
**More Supermarkets (P'Ville) Limited (C 61504)**
**D More Holdings Limited**

**vs**

**Alexander Farrugia K.I. numru 99676M**
**Ryan Schembri K.I. numru 450878M**
**Adrian Agius K.I. numru 328078M**
**Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Alexander Farrugia** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent") ippreżentat fis-16 ta' Frar, 2015 li bih ikkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talab lil din il-Qorti:

*Illi (recte) permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti nhar il-ħamsa (5) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) fl-ismijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1787/14 maħruġ fil-ħdax (11) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014) għar-raġunijiet indikati fl-istess sentenza.*

*Illi l-esponenti diġà talab seduta stante li għandha almenu (recte) tiġi depożitata garanzija minn naħa tar-rikorrenti tal-istess mandat kawtelatorju.*

*Illi r-rikorrenti jibqa' jsostni illi huwa għandu titolu eżekuttiv li qiegħed jipprova jeżegwixxi u l-kawża sabiex jiġi attakkat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u r-rikors fl-ismijiet premessi saru biss sabiex id-debituri ma jonorawx l-obbligi assunti minnhom u sabiex minflok ma jitħallas tal-ammont dovut l-esponenti ser jsoffri danni addizzjonali peress li lanqas jista' jopera l-kontijiet bankarji tiegħu.*

*Illi dawna l-fatti ser jiġu pprovati fil-mori tal-kawża u l-Qorti jkollha l-opportunità li tikkonferma dana kollu anke mill-provi li ser jittellgħu mill-atturi stess.*

*Illi permezz ta' dana r-rikors ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li jsir id-depożitu opportun fi żmien mogħti minn dina l-*

*Onorabbli Qorti ai termini ta' Artikolu 838A ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-esponenti jħoss li hemm kawża ġusta għal ħruġ ta' tali garanzija in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti ai termini tal-istess artikolu hawn fuq indikat jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna d-depożitu tal-garanzija u fin-nuqqas tordna li dana l-mandat għandu jitneħħa fin-nuqqas li tali garanzija tiġi depożitata.*

Rat ir-Risposta tas-soċjetajiet intimati **More Supermarkets (Hamrun) Ltd et** (minn issa 'il quddiem "l-intimati") ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2015 li tgħid dan li ġej:

*Illi din ir-risposta qiegħda tiġi intavolata in segwitu għal rikors ta' Alexander Farrugia, li permezz tiegħu qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti timponi fuq l-esponenti il-ħlas ta' garanzija a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fin-nuqqas ir-rexxizjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kontra tiegħu, in segwitu għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontra tiegħu fl-ammont ta' €1,500,000;*

*Illi l-esponenti qegħdin jopponu t-talba għal garanzija għar-raġunijiet mfissra f'din ir-risposta;*

*Illi l-Artikolu 838A irid li tali talba tiġi milqugħa biss għal raġuni tajba, raġuni li, bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti Farrugia, jonqos milli jġib;*

*Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Mandat ta' Sekwestru in eżami ġie intavolat biex jikkawtela drittijiet pretiżi mis-soċjetajiet hawn intimati, More Supermarkets (Hamrun) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd,*

*More Supermarkets (Fgura) Ltd, More Supermarkets (P'Ville) Ltd u D.More Holdings Ltd, liema pretensjonijiet jinkludu talbiet għad-danni, u dan kif jirriżulta mill-Atti tal-kawża fil-mertu fl-ismijiet hawn fuq premessi, li qegħdha tinstema' minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta [Cit. 1001/14 LM];*

*Illi filwaqt li t-talbiet għad-danni huma da likwidarsi, għall-fini biss tal-Mandat ta' Sekwestru, u naturalment mingħajr preġudizzju għal dak li jista' jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu, dawn id-danni gew likwidati fl-ammont ta' €1,500,000 bħala total pretiż mill-ħames soċjetajiet esponenti;*

*Illi din l-indikazzjoni ta' danni ma saritx a caso - il-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi saret biex tikkontesta u jitħassar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont identiku ta' €1,500,000 - a skans ta' ripetizzjoni, jiġi sottomess bir-rispett illi l-esponenti jsostnu li, fost raġunijiet oħra, huma la huma debituri versu r-rikorrenti Farrugia f'dan l-ammont u Ryan Schembri huwa ħati ta' rappreżentazzjoni indebita meta deher fuq il-kuntratt impunjat għaliex ma setax jorbothom;*

*Illi nonostante interpellazzjonijiet, inkluż bi protest ġudizzjarju, kif diġà inġiebet prova tagħhom fil-kawża fil-mertu, biex ir-rikorrent Alexander Farrugia jersaq għar-rexxizzjoni in parti tal-kuntratt impunjat, u dan sa fejn jolqot lis-soċjetajiet hawn intimati għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent Farrugia xorta waħda baqa' għaddej, u intavola Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv f'dan l-ammont – b'dan li l-esponenti ma kellhom ebda għazla ħlief li jipproċedu ġudizzjarjament kontra tiegħu, kif dina l-Onorabbli Qorti hija diġà edotta;*

*Illi huwa risaput, u ta' dan sejrin jinġiebu l-provi fil-kawża fil-mertu, illi l-kumpanniji esponenti kkrollaw wara dan l-aġir ta' Alexander Farrugia -*

*ma kienx possibbli għalihom ikomplu n-negozju tagħhom - Farrugia u sieħbu Edmond Mugliett kienu jintimidaw il-ħaddiema fil-ħwienet tas-soċjetajiet esponenti u kienu jagħmlu kuntatt ukoll mas-suppliers relattivi, u b'hekk għenu, u fil-fehma tal-esponenti, kienu wkoll strumentali biex inbeda domino effect fejn is-suppliers bdew ifittxu għal flushom, inkluż lil soċjetà oħra mhux parti minn dawn il-proċeduri, parti mill-grupp, li kienet tieħu ħsieb l-ordnijiet u l-ħlas tagħhom;*

*Illi n-negozju tas-soċjetajiet More Supermarkets kien wieħed li kien qiegħed jikber - sal-punt li kien hemm saħansitra ħanut ieħor fil-Belt Valletta li kien se jinfetaħ - u b'katina ta' ben 5 iħwienet miftuħin [Paceville, Hamrun, Fgura, Zebbug u Mosta] diġà kien żviluppa avvjament importanti - kien għal din ir-raġuni li s-soċjetà D.More Holdings kienet iddeċidiet li takkwista l-ishma tal-azzjonist preċedenti u tidħol f'dan in-negozju;*

*Illi għalhekk, D.More Holdings Ltd għandha interess tirkupra kwankwe telf li anke indirettament ġie kkaġunat mill-azzjonijiet tar-rikorrent Farrugia u ta' sieħbu Edmond Mugliett - it-telf fl-avvjament u anke ta' flus, inkluż telf ta' qligħ futur, ikun ċertament affettwa l-valur tal-ishma tagħha - is-soċjetajiet More għandhom interess dirett minħabba l-azzjonijiet li huma jallegaw saru b'mod illegali mir-rikorrent Farrugia u terzi komparenti fuq il-kuntratt impunjat;*

*Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrent Alexander Farrugia, il-veru dannu soffrewhom l-esponenti, meta permezz ta' tranżazzjoni fittizja, u kuntratt li jiddikjara l-falz, approfitta ruħu, u flimkien ma' sieħbu kissru kompletament katina ta' ħwienet, u xejnu l-avvjament tagħhom kompletament, b'dan illi llum il-ġurnata ebda soċjetà m'għadha topera;*

*Illi għalhekk, u għall-fini ta' likwidazzjoni tal-mandat biss, ma kienx ikun għaqli kieku l-esponenti kellhom jiddikjaraw ammont ikbar jew izgħar mill-ammont indikat ta' €1,500,000 - dan jingħad bir-rispett għas-segwenti raġunijiet:-*

*1) Sakemm issir il-likwidazzjoni ta' danni proprja fil-kawża fil-mertu, l-unika figura li żgur tista' tirriżulta ġustifikata f'dan l-istadju hija l-ammont ta' €1,500,000, ammont indikat fil-kuntratt impunjat, diġà esebit fil-kawża fil-mertu - somma akbar minn hekk, għalissa, f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri, u għall-fini tal-prima facie, għadha ma tirriżultax;*

*2) Din il-figura hija rappreżentattiva wkoll ta' ħsara sofferta minħabba l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv li r-rikorrent Farrugia intavola kontra l-esponenti, li huwa fl-istess ammont - dan huwa importanti li jiġi sottolineat minħabba r-rekwiżit tal-prima facie rikjest għall-Mandati kawtelatorji;*

*3) Din il-fgura ma tistax titqies eċċessiva, fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont li hija indikata bħala ammont pretiż bħala danni minn ħames soċjetajiet, bħala telf ta' introjtu u anke telf fl-avvjament, u ċioè għall-fini tal-Mandat, daqs li kieku kull waħda qegħdha tippretendi €300,000 bħala danni;*

*4) Kieku l-esponenti indikaw xi somma inqas, kienu jesponu ruħhom stante li prima facie, de minimis l-ħsara li qegħdin isofru kollettivament jirriżulta fl-ammont ta' €1,500,000, kif hawn fuq imsemmi;*

*Illi l-esponenti jsaqsu x'raġunijiet tajbin jagħti r-rikorrenti Farrugia għall-għoti tal-garanzija?*

*Illi r-rikorrent Farrugia jidher li prinċipalment iħambaq, kif dejjem għamel f'kull att ġudizzjarju intavolat minnu, li l-fatt li huwa għandu fil-preżent titolu eżekuttiv favurih ifisser li ħaddiehor qiegħed jipprova jiddefrawdah billi jikkontesta l-validità tat-titolu eżekuttiv akkwiżit minnu - daqs li kieku l-esponenti ma kellhomx dritt isegwu d-drittijiet tagħhom bl-iter ġudizzjarju opportun;*

*Illi bir-rispett kollu, l-asserzjoni, gratuwità fil-fehma tal-esponenti, li dawn il-proċeduri huma xi pjan macchiavelljan biex jinħarbu xi obbligi ma tistax titqies bħala raġuni tajba u biżżejjed għall-għoti ta' garanzija - u dan partikolarment fid-dawl tal-fatt li fi proċedura oħra istitwita mill-istess rikorrenti Farrugia għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru de quo (Rik. 1046/14 LM deċiż 05/02/15], l-istess rikorrent naqas milli jġib kull prova li b'xi mod setgħet tiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu, kif ben issottolineat dina l-Onorabbli Qorti, b'asserzjonijiet li, kif sewwa rriteniet dina l-Onorabbli Qorti, setgħu biss jiġu determinati fil-mertu;*

*Illi oltre din l-asserzjoni bla bażi, li effettivament tibqa' kwistjoni fil-mertu, ir-rikors ta' Alexander Farrugia huwa pjuttost skarn;*

*Illi, bir-rispett kollu lejn ir-rikorrent, ma jirriżulta ebda raġuni tajba u valida fil-Liġi li għandha tiġġustifika l-impożizzjoni ta' garanzija skont l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, u skont il-Liġi, ir-rikorrent Alexander Farrugia jonqos milli jindika tali raġuni tajba fir-rikors tiegħu, kif huwa marbut jagħmel;*

*Illi f'sitwazzjoni analoga fejn sieħeb ir-rikorrent Farrugia, Edmond Mugliett kien ipprova jikkontesta ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta li ssospendiet l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Sekwestru*

*intavolat kontra tiegħu fuq fatti kważi identiċi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell*[1] *rriteniet illi:*

> *"Kwantu għat-tielet aggravju, din il-Qorti ma għandha ebda dubju illi jkun ta' preġudizzju akbar għal appellati kieku l-eżekuzzjoni ma tiġix sospiża, in vista tal-fatt li hemm kawża pendenti dwar il-validità o meno tal-att li ta lok għat-titolu eżekuttiv vantat mill-appellanti. Oltre dan, kif sewwa ssotto-mettew l-appellati t-titolu eżekuttiv u l-mandat in kwistjoni għadhom in vigore u l-mandat huwa biss temporanjament sospiż sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri dwar il-validità tal-mandat. Allura l-appellanti ma humiex se jsofru preġudizzju ħlief naturalment id-dwejjaq li jistennew l-eżitu ta' kawża biex f'każ li din tiġi deċiża favur tagħhom ikunu jistgħu jkomplu bil-proċeduri eżekuttivi. Mill-banda l-oħra wieħed jista' jaħseb li kieku mandat li jkun ġie esegwit u sussegwentement il-Qorti ssib li nħareġ a bażi ta' titolu li jiġi mħassar, il-preġudizzju jkun akbar." [enfasi miżjud]*

*Illi effettivament, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, li kieku t-talba għall-għoti ta' garanzija kellha tintlaqa', u f'każ li ma titħallasx il-garanzija jiġi revokat il-Mandat ta' Sekwestru [li huwa l-iskop finali ta' din il-proċedura], is-sitwazzjoni preżenti kienet tiddeġenera fis-sitwazzjoni kontemplata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-bran hawn fuq ċitat, b'dan illi l-esponenti jispiċċaw esposti u preġudikati fil-kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom;*

*Illi, fl-assenza ta' raġuni tajba kif trid il-Liġi, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi r-rikors għall-garanzija sar b'malizzja, bil-ħsieb li tiġi inflitta fuq l-esponenti dik li effettivament ma tkun xejn iżjed, bir-rispett*

[1] **Edmond Mugliette vs. More Supermarkets (Hamrun) Ltd et** - Rikors Numru 996/14 LM deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2015 - paġna 6.

*kollu, minn daqqa ta’ mannara oħra finanzjarja biex tweġġa’ l-esponenti - dan jingħad b'responsabbiltà stante li huwa ċar u ovvju li kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa’ t-talba ta' Alexander Farrugia, l-ordni ta’ ħlas ta’ garanzija [li fuq l-ammont hawn fuq indikat] żgur ma hiex se tkun somma żgħira, se tkun daqqa ta' ħarta finanzjarja oħra meta effettivament l-esponenti qegħdin ifittxu lil Farrugia għad-danni - u jekk jitneħħa l-Mandat ta' Sekwestru, ir-rikorrent Farrugia ikun għadda mit-tieqa minflok mill-bieb, b’dan li l-esponenti ma jibqgħux kawtelati fil-konfront tiegħu;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti għall-impożizzjoni ta’garanzija skont l-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta u għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti Alexander Farrugia għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Ir-rikorrent Alexander Farrugia qed jitlob lil din il-Qorti biex tordna d-depożitu ta’ garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 u fin-nuqqas tordna li jitneħħa l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru 141/15LM jekk l-imsemmija garanzija ma tiġix depożitata.

Min-naħa tagħhom is-soċjetajiet intimati More Supermarkets (Ħamrun) Limited et jissottomettu li ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti għall-impożizzjoni ta’ garanzija skont l-Artikolu 838A tal-Kap. 12 u li għalhekk it-talba tar-rikorrent Alexander Farrugia għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment.

**Ikkunsidrat:**

F'ċirkostanzi fejn il-partijiet intavolaw kontra xulxin mandati ta' sekwestru kawtelatorji għall-istess ammonti, din il-Qorti hija tal-fehma li ma għandhiex tiddistuba l-*istatus quo* qabel ma jiġi deċiż il-mertu, fis-sens li m'għandhiex timponi ebda garanzija fuq xi waħda mill-partijiet li tista' fil-prattika jkollha l-effett li jitneħħa xi wieħed mill-imsemmija mandati ta' sekwestru kawtelatorji li jinsabu fis-seħħ.

Barra minn hekk, fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li r-rikorrent Alexander Farrugia ma rnexxilux juri li għandu kawża ġusta ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li tkun tiġġustifika li din il-Qorti tordna li s-soċjetajiet intimati jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi li tiċħad it-talba ta' rikorrent Alexander Farrugia, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------